**Qorti Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Att ta' Akkuza Nru: 26/2023/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Joseph Azzopardi**

**Illum, 9 ta' April 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat, **Joseph Azzopardi** detenur tal-karta tal-identita Maltija **267970M** akkuzat mill-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli:

L-EWWEL (1) KAP
*Stupru tal-minuri Maddison Kirkbride*

**Il-Fatti:**

ILLI l-minuri Maddison Kirkbride li twieldet nhar il-ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u Chloe Schooling Azzopardi kienu saru ħbieb wara li iltaqgħu meta kienu jattendu l-lezzjonijiet tal-ġimnastika flimkien. Kien ikun hemm ġranet fejn il-minuri Maddison Kirkbride kienet tmur tagħmel sleepovers fid-dar fejn toqgħod il-minuri Chloe Schooling Azzopardi fejn kien ikun hemm ukoll il-ġenituri tal-minuri

Chloe Schooling Azzopardi u ċioe' Joseph Azzopardi (imsejjaħ 'l-akkużat') u l-partner tiegħu Rachel Schooling;

Illi għall-ħabta ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-minuri Maddison Kirkbride kienet marret għand il-ħabiba tagħha l-minuri Chloe Schooling Azzopardi ġewwa r-residenza ġewwa l-lokalita' tan-Naxxar. Il-minuri Chloe Schooling Azzopardi kienet fis-sular ta' isfel ta' dina r-residenza tagħmel il-homework filwaqt li l-minuri Maddison Kirkbride kienet fil-kamra tas-sodda tal-minuri Chloe Schooling Azzopardi, liema kamra tas-sodda qiegħda fl-ewwel sular tar-residenza. Omm il-minuri Chloe Schooling Azzopardi ma kinitx fir-residenza peress li kienet xogħol filwaqt li l-akkużat Joseph Azzopardi kien fil-kamra tiegħu li qiegħda fuq l-istess sular fejn kienet qiegħda il-minuri Maddison Kirkbride. L-akkużat Joseph Azzopardi għajjat lill-minuri Maddison Kirkbride sabiex tmur fil-kamra tiegħu u qalilha biex tpoġġi bilqiegħda fuq is-sodda u kif għamlet hekk midda lura fuq is-sodda, niżżlilha l-jeans u l-ħwejjeġ ta' taħt sa rkuptejha u mingħajr il-kunsens tal-minuri Maddison Kirkbride beda jdaħħal subgħajh fil-parti privata tagħha. Il-minuri Maddison Kirkbride imbeżżgħa għalqet għajnejha u ftit wara bdiet tħoss ħalq l-akkużat Joseph Azzopardi fuq il-parti privata tagħha u baqa' jagħmel dan sakemm Chloe Schooling Azzopardi għajtet lil missierha u ċioe' lill-akkużat Joseph Azzopardi sabiex imur ħdejha fis-sular t'isfel;

ILLI ftit tax-xhur wara u ċioe' fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-minuri Maddison Kirkbride, li dak iż-żmien kellha tlettax (13)-il sena, kienet mistiedna għal boat trip mill-minuri Chloe Schooling Azzopardi u l-familja tagħha sabiex iqattgħu weekend flimkien fuq id-dgħajsa tal-akkużat Joseph Azzopardi. Rachel Schooling flimkien ma' bintha Chloe Schooling Azzopardi ġabret lill-minuri Maddison Kirkbride mir-residenza tal-minuri Maddison, marru l-Bajja tal-Ġnejna flimkien minn fejn imbgħad ġabarhom bid-dgħajsa l-akkużat Joseph Azzopardi. Dakinhar, u ċioe' fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), Chloe Schooling Azzopardi kellha l-lezzjoni tal-ġimnastika u għalhekk nizlet minn fuq id-dgħajsa flimkien ma' ommha Rachel Schooling sabiex tattendi din

il-lezzjoni. L-akkużat Joseph Azzopardi wassal lil Rachel Schooling u lil bintu bid-dinghy fuq il-bajja, niżżel lil Rachel Schooling u lil bintu Chloe u mar lura fuq id-dgħajsa fejn kien hemm il-minuri Maddison Kirkbride waħidha;

Kif sab ruħu waħdu fuq id-dgħajsa mal-minuri Maddison Kirkbride, l-akkużat Joseph Azzopardi għajjat lill-minuri Maddison Kirkbride sabiex tmur ħdejh bil-pretest li ried juriha s-sodda l-ġdida li kien għamel u qalilha biex tpoġġi ħdejh fuq is-sodda. F'dan il-mument, l-akkużat Joseph Azzopardi beda jgħarrax lill-minuri Maddison Kirkbride u jghidilha 'I bet I can't find your tickle spot'. L-akkużat Joseph Azzopardi niżżilha minn spallitha bil-mod u midda fuq is-sodda u neħħielha l-qalziet tal-bikini. Dak il-ħin, il-minuri Maddison, imbeżżgħa, ħasset ilsienu fuq il-parti tagħha filwaqt li beda jdaħħal subgħajh fil-parti privata tagħha. Dan kollu sar mingħajr il-kunsens tal-minuri Maddison Kirkbride. Waqt li l-akkużat Joseph Azzopardi kien qiegħed jagħmel dan kollu, il-minuri Maddison bdiet tgħatti għajnejha, bdiet tħossha skomda u ma setgħetx tiċċaqlaq għax kienet affettwata emozzjonalment. Minkejja li l-minuri kienet b'għajnejha magħluqa, hija bdiet tħoss lill-akkużat Joseph Azzopardi jipprova jressaq il-parti ġenitali tiegħu mal-parti tagħha fejn saħansitra beda jipprova jippenetra l-parti privata tal-minuri bl-organu ġenitali tiegħu. L-akkużat Joseph Azzopardi baqa' jipprova jippenetra lill-minuri bl-organu ġenitali tiegħu mingħajr il-kunsens tal-minuri sakemm il-minuri għamlet il-kuraġġ, sabet is-saħħa u mbuttatu. Il-minuri Maddison qalet lill-akkużat Joseph Azzopardi li hi kienet għadha ser tagħlaq erbatax (14)-il sena u li ma riditx tagħmel dawn l-affarijiet. Il-minuri Maddison Kirkbride, sabiex taħrab lill-akkużat Joseph Azzopardi qabżet minn fuq id-dgħajsa, bdiet tgħum sakemm waslet fuq il-bajja u baqgħet hemm tistenna lil Rachel Schooling u lil bintha Chloe;

Kien biss meta Rachel Schooling u bintha Chloe waslu lura mil-lezzjoni tal-ġimnastika li l-minuri Maddison reġgħet marret fuq id-dgħajsa magħhom u għall-bidu il-minuri Maddison ma kienet qalet xejn lil ħadd. Madanakollu, aktar tard filgħaxija, il-minuri Maddison fetħet qalbha mal-ħabiba tagħha Chloe, fejn Maddison qaltilha x'kien ġara

u qaltilha wkoll illi l-akkużat Joseph Azzopardi kien għamilielha ċara biex ma tgħid lil ħadd x'kien ġara.

**Il-Konsegwenzi:**

Illi għalhekk, b'għemilu l-akkużat Joseph Azzopardi sar ħati ta' stupru aggravat, u ċioe' talli bejn Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), ġewwa l-Gżejjer Maltin senjatament ġewwa r-residenza fil-lokalita' tan-Naxxar, kif ukoll fuq id-dgħajsa ta' l-istess akkużat Joseph Azzopardi, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, f'dawn il-Gżejjer, mingħajr kunsens ikkommetta konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u / jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali tal-ġisem ta' persuna oħra u ċioe' ta' Maddison Kirkbride, persuna minuri ta' tlettax (13)-il sena, b'dan illi l-istupru huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess fuq minuri u persuna vulnerabbli peress li kellha inqas minn ħmistax (15)-il sena.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar l'fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi akkużat Joseph Azzopardi, ħati talli bejn Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, mingħajr kunsens, ikkommetta konġunġiment karnali jiġifieri penetrazzjoni vaġinali b'xi parti tal-ġisem tiegħu fuq il-ġisem ta' Maddison Kirkbride, b'dana li r-reat huwa wieħed aggravat stante li Maddison Kirkbride ġiet stuprata meta kienet minorenni.

**Il-Piena mitluba:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Joseph Azzopardi u illi huwa jiġi ikkundannat għall-piena ta'

priġunerija minn ħames (5) snin sa għoxrin (20) sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 198, 202(g) (k), 208AĊ (1) (b)(2) (a) 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 6(2) tal-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

IT-TIENI (2) KAP
*Korruzzjoni ta' persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena*

**Il-Fatti:**

ILLI fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' l-Att t'Akkuża, u ċioe' għall-ħabta ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-minuri Maddison Kirkbride kienet marret għand il-ħabiba tagħha il-minuri Chloe Schooling Azzopardi ġewwa r-residenza li tinsab fil-lokalita' tan-Naxxar. Filwaqt li l-minuri Chloe Schooling kienet fis-sular t'isfel u ommha Rachel Schooling kienet ix-xogħol, l-akkużat Joseph Azzopardi għajjat lill-minuri Maddison Kirkbride sabiex tmur fil-kamra tiegħu u qalilha biex tpoġġi bilqiegħda fuq is-sodda u kif għamlet hekk midda lura fuq is-sodda, niżżlilha l-jeans u l-ħwejjeġ ta' taħt sa rkuptejha u mingħajr il-kunsens tal-minuri Maddison Kirkbride beda jdaħħal subgħajh fil-parti privata tagħha. Il-minuri Maddison Kirkbride, imbeżżgħa, għalqet għajnejha u ftit wara bdiet tħoss ħalq l-akkużat Joseph Azzopardi fuq il-parti privata tagħha u baqa' jagħmel dan sakemm Chloe Schooling Azzopardi għajtet lil missierha u ċioe' lill-akkużat Joseph Azzopardi sabiex imur ħdejha fis-sular t'isfel;

ILLI ftit tax-xhur wara u ċioe' fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-minuri Maddison Kirkbride, li dak iż-żmien kellha tlettax (13)-il sena, kienet mistiedna għal boat trip mill-minuri Chloe Schooling Azzopardi u l-familja tagħha sabiex iqattgħu weekend flimkien fuq id-dgħajsa tal-akkużat Joseph Azzopardi. Dakinhar u ċioe' fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u

dsatax (2019), il-minuri Maddison Kirkbride spiċċat waħidha fuq id-dgħajsa ma' l-akkużat Joseph Azzopardi hekk kif Rachel Schooling marret flimkien ma' bintha Chloe għal-lezzjoni tal-ġimnastika;

L-akkużat Joseph Azzopardi għajjat lill-minuri Maddison Kirkbride sabiex tmur ħdejh bil-pretest li juriha s-sodda l-ġdida li kien għamel u qalilha biex tpoġġi ħdejh fuq is-sodda. F'dan il-mument, l-akkużat Joseph Azzopardi beda jgħarrax lill-minuri Maddison Kirkbride u qalilha 'I bet I can't find your tickle spot'. L-akkużat Joseph Azzopardi niżżilha minn spallitha bil-mod u midda fuq is-sodda u neħħielha l-qalziet tal-bikini. Dak il-ħin, il-minuri Maddison imbeżżgħa, ħasset ilsienu fuq il-parti tagħha filwaqt li beda jdaħħal subgħajh fil-parti privata tagħha. Dan kollu sar mingħajr il-kunsens tal-minuri Maddison Kirkbride. Waqt li l-akkużat Joseph Azzopardi kien qiegħed jagħmel dan kollu, il-minuri Maddison bdiet tgħatti għajnejha, bdiet tħossha skomda u ma setgħetx tiċċaqlaq għax kienet affettwata emozzjonalment. Minkejja li l-minuri kienet b'għajnejha magħluqa, hija bdiet tħoss lill-akkużat Joseph Azzopardi jipprova jressaq il-parti ġenitali tiegħu mal-parti tagħha fejn saħansitra beda jipprova jippenetra il-parti privata tal-minuri bl-organu ġenitali tiegħu. L-akkużat Joseph Azzopardi baqa' jipprova jippenetra lill-minuri bl-organu ġenitali tiegħu mingħajr il-kunsens tal-minuri sakemm il-minuri għamlet il-kuraġġ, sabet is-saħħa u mbuttatu. Il-minuri Maddison qalet lill-akkużat Joseph Azzopardi li hi kienet għadha ser tagħlaq erbatax (14)-il sena u li ma riditx tagħmel dawn l-affarijiet. Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija jirriżulta li f'dak il-waqt, l-akkużat Joseph Azzopardi wieġeb lill-minuri illi 'Sorry I thought you wanted this'. Il-minuri Maddison Kirkbride qabżet minn fuq id-dgħajsa, għamet sal-bajja u baqgħet fuq il-bajja tistenna lil Rachel Schooling u lil bintha Chloe fejn reġgħet marret lura fuq id-dgħajsa meta waslu lura. F'dak il mument, Maddison ma kienet qalet xejn lil ħadd iżda aktar tard filgħaxija, il-minuri Maddison fetħet qalbha mal-ħabiba tagħha Chloe fejn Maddison qaltilha ukoll illi l-akkużat Joseph Azzopardi kien għamilielha ċara biex ma tgħid lil ħadd x'kien ġara.

**Il-Konsegwenzi:**

Illi għalhekk, b'għemilu l-akkużat Joseph Azzopardi sar ħati ta' korruzzjoni ta' persuna ta' taħt is-sittax (16)-il sena u ċioe' talli bejn Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), ġewwa l-Gżejjer Maltin senjatament ġewwa ir-residenza fil-lokalita' tan-Naxxar, kif ukoll fuq id-dgħajsa ta' l-istess akkużat Joseph Azzopardi, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, f'dawn il-Gżejjer, ikkorrompa lill-minuri Maddison Kirkbride ta' tlettax (13)-il sena għall-perjodu li hi ġiet fdata temporanjament miegħu sabiex jieħu ħsiebha, jedukaha, jgħallimha, jindukraha jew iżommha.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar l'fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi akkużat Joseph Azzopardi, ħati talli bejn Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkorrompa lill-minuri Maddison Kirkbride, mwielda nhar il-ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), li dak iż-żmien tar-reat kellha tlettax (13)-il sena, liema reat twettaq fil-perjodu li hi ġiet fdata temporanjament miegħu sabiex jieħu ħsiebha, jedukaha, jgħallima, jindukraha jew iżommha.

**Il-Piena mitluba:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Joseph Azzopardi u illi huwa jiġi ikkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sitta (6) sa tnax (12)-il sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikli 17, 18, 31, 203(1)(ċ), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 553 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u Artikolu 6(2) tal-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri,

Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

IT-TIELET (3) KAP
*Parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' ta' sittax(16)-il sena*

**Il-Fatti:**

ILLI fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija fl-Ewwel (1) Kap u t-Tieni (2) Kap ta' l-Att t'Akkuża, għall-ħabta ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-minuri Maddison Kirkbride kienet marret għand il-ħabiba tagħha il-minuri Chloe Schooling Azzopardi ġewwa ir-residenza fil-lokalita' tan-Naxxar, Filwat li l-minuri Chloe Azzopardi Schooling kienet fis-sular t'isfel tagħmel il-homework u ommha Rachel Schooling kienet xogħol, l-akkużat Joseph Azzopardi għajjat lill-minuri Maddison Kirkbride sabiex tmur fil-kamra tiegħu u qalilha biex tpoġġi bilqiegħda fuq is-sodda u kif ghamlet hekk, midda lura fuq is-sodda, niżżlilha l-jeans u l-ħwejjeġ ta' taħt sa rkuptejha u mingħajr il-kunsens tal-minuri Maddison Kirkbride beda jdaħħal subgħajh fil-parti privata tagħha. Il-minuri Maddison Kirkbride imbeżżgħa għalqet għajnejha u ftit wara bdiet tħoss ħalq l-akkużat Joseph Azzopardi fuq il-parti privata tagħha u baqa' jagħmel dan sakemm Chloe Schooling Azzopardi għajtet lil missierha u ċioe' lill-akkużat Joseph Azzopardi sabiex imur ħdejha fis-sular t'isfel;

ILLI ftit tax-xhur wara u ċioe' fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-minuri Maddison Kirkbride, li dak iż-żmien kellha tlettax (13)-il sena, kienet mistiedna għal boat trip mill-minuri Chloe Schooling Azzopardi u l-familja tagħha sabiex iqattgħu weekend flimkien fuq id-dgħajsa tal-akkużat Joseph Azzopardi. Dakinhar, u ċioe' fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), Chloe Schooling Azzopardi kellha l-lezzjoni tal-ġimnastika u għalhekk telqet minn fuq id-dgħajsa flimkien ma' ommha Rachel Schooling.

Kif sab ruħu waħdu fuq id-dgħajsa mall-minuri Maddison Kirkbride, l-akkużat Joseph Azzopardi għajjat lill-minuri Maddison Kirkbride sabiex tmur ħdejh bil-pretest li juriha s-sodda l-ġdida li kien għamel u qalilha biex tpoġġi ħdejh fuq is-sodda. F'dan il-mument, l-akkużat Joseph Azzopardi beda jgħarrax lill-minuri Maddison Kirkbride u qalilha 'I bet I can't find your tickle spot'. L-akkużat Joseph Azzopardi niżżilha minn spallitha bil-mod u midda fuq is-sodda u neħħielha l-qalziet tal-bikini. Dak il-ħin, il-minuri Maddison, imbeżżgħa, ħasset ilsienu fuq il-parti tagħha filwaqt li beda jdaħħal subgħajh fil-parti privata tagħha. Dan kollu sar mingħajr il-kunsens tal-minuri Maddison Kirkbride. Waqt li l-akkużat Joseph Azzopardi kien qiegħed jagħmel dan kollu, il-minuri Maddison bdiet tgħatti għajnejha, bdiet tħossha skomda u ma setgħetx tiċċaqlaq għax kienet affetwata emozzjonalment. Minkejja li l-minuri kienet b'għajnejha magħluqa, hija bdiet tħoss lill-akkużat Joseph Azzopardi jipprova jressaq il-parti ġenitali tiegħu mall-parti tagħha fejn saħansitra beda jipprova jippenetra il-parti privata tal-minuri bl-organu ġenitali tiegħu. L-akkużat Joseph Azzopardi baqa' jipprova jippenetra lill-minuri bl-organu ġenitali tiegħu mingħajr il-kunsens tal-minuri sakemm il-minuri għamlet il-kuraġġ, sabet is-saħħa u mbuttatu. Il-minuri Maddison qalet lill-akkużat Joseph Azzopardi li hi kienet għadha ser tagħlaq erbatax (14)-il sena u li ma riditx tagħmel dawn l-affarijiet. Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija jirriżulta li f'dak il-waqt, l-akkużat Joseph Azzopardi wieġeb lill-minuri illi 'Sorry I thought you wanted this'. Il-minuri Maddison Kirkbride, sabiex taħrab lill-akkużat Joseph Azzopardi qabżet minn fuq id-dgħajsa, fejn marret tistenna lil Rachel Schooling u Chloe Schooling Azzopardi jiġu lura. Maddison ma qalet xejn lil ħadd x'kien ġara, iżda ftit wara fetħet qalbha mal-minuri Chloe Schooling Azzopardi fejn Maddison qaltilha ukoll illi l-akkużat Joseph Azzopardi kien għamlilha ċara biex ma tgħid lil ħadd x'kien ġara.

**<u>Il-Konsegwenzi:</u>**

Illi għalhekk, b'għemilu l-akkużat Joseph Azzopardi sar ħati ta parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' ta' sittax (16)-il sena u ċioe' talli bejn

Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), ġewwa l-Gżejjer Maltin senjatament ġewwa ir-residenza fil-lokalita' tan-Naxxar, kif ukoll fuq id-dgħajsa ta' l-istess akkużat Joseph Azzopardi, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, f'dawn il-Gżejjer, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax (16)-il sena, u ċioe' mal-minuri Maddison Kirkbride li kellha tlettax (13)-il sena.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar l'fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi akkużat Joseph Azzopardi, ħati talli bejn Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt is-sittax (16)-il sena, u ċioe' mall-minuri Maddison Kirkbride mwielda nhar il-ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), li dak iż-żmien tar-reat kellha tlettax (13)-il sena.

**Il-Piena mitluba:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Joseph Azzopardi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn seba' (7) snin sa għoxrin (20) sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 204Ċ(1), 208AĊ(1)(b), 208AĊ(2)(a), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 553 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 6(2) tal-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat in-nota t'eċċezzjonijiet tal-akkużat Joseph Azzopardi esebita fir-reġistru ta' dan il-Qorti nhar l-20 ta' Ġunju, 2023:

**A. Nullita' tal-Att ta' l-Akkuża**

1. Illi t-tliet kapi tal-Att ta' Akkuża qiegħdin jingħataw kollettivament u mhux qed jingħad li wieħed huwa kap alternattiv għal xi kap ieħor. 'Rebus Sic stantibus', Att ta' Akkuża li jippostula r-reati ta' stupru u korruzzjoni ta' minorenni flimkien mhux sostenibbli.

2. In-nullita' tal-Att ta' l-Akkuża fl-intier tiegħu billi ma ġiex segwit il-vot tal- artikolu 432(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament billi l-Avukat Generali naqas li jippreżenta l-Att ta' l-Akkuża fi żmien xahar mill-jum li huwa rċievha l-atti kumpilatorji u kwindi l-akkużat għandu jiġi illiberat fl-isfond ta' dak maħsub fl-artikolu 602 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi l-proċedura kollha tal-kumpilazzjoni hija nulla, u dan peressilli kif jirriżulta minn l-atti proċesswali, is-sustanza tax-xhieda, filwaqt li supppost ittieħdet b'mezzi elettrono-manjetiċi hekk kif jipprovdi l-Att Dwar ir-Reġistrazzjoni Elettro-Manjetċi ta' Proċedimenti, ix-xhieda kollha ġiet xorta reġistrata b'mezzi diġitali.

4. L-isfilz u/jew il-modifika ta' kliem u siltiet mill-partijiet narrattivi ta' l-Att ta' l-Akkuża, billi dawn ġew dramattizzati sabiex jinħoloq sensazzjonaliżmu u wkoll sabiex jinxteħet dell ikrah fuq l-akkużat u b'hekk jiġu influwenzati negattivament il-ġurati.

Bl-akbar rispett, l-Avukat Ġenerali fl-Att t'Akkuża konvenjentament għażel li jħalli barra dawk id-dettalji li jimmilitaw favur l-esponent. Il-ġurati ser jitħallew fl-għama minn informazzjoni fundamentali. Fl-Att t'Akkuża, l-Avukat Ġenerali imkien ma jindika li l-minuri Madison Kirkbride ġiet eżaminata mit-tobba u li l-istess tobba

ikkonfermaw li hija ma kellha l-ebda injuries fuq ġisimha u lanqas fil-parti intima tagħha u li l-istess Madison Kirkbride għadha verġni.

Illi bl-akbar rispett, fl-Att t'Akkuża, l-Avukat Ġenerali kellu jindika d-dettalji l-aktar importanti u fundamentali u mhux jindika biss dawk id-dettalji li jixħtu minnufih dawl ikrah fuq l-esponenti.

Illi minkejja li l-Avukat Ġenerali jgawdi diskrezzjoni dwar x'akkużi jressaq f'Att ta' Akkuża, imbagħad ikun f'idejn il-ġurati li jiddeċiedu jekk tali akkużi jkunux ġew ippruvati sal-grad rikjest mill-liġi jew le. Pero, irid jingħad ukoll li l-istess Avukat Ġenerali għandu jibni l-Att ta' Akkuża fuq il-provi kollha miġbura waqt l-istruttorja;

Illi l-mankanza ta' dan, liema mankanza tavvera ruħha fl-att t'akkuża in kwistjoni, hija assolutament leziva tad-dritt fundamentali tal-esponent illi jkollu smiegħ xieraq, liema dritt huwa mħares mill-Kostituzzjoni ta' Malta taħt l-Artikolu disgħa u tletin (39), kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejjħa "Il- Konvenzjoni") taħt l-Artikolu sitta (6), u f'dan is-sens għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi l-esponent jiddikjara illi huwa qiegħed jirriserva l-pożizzjoni Kostituzzjonali tiegħu.

Illi inotre', f'każ illi dina l-Onorabbli Qorti tkun tal-fehma li dawn il-fatti ma jwasslux għan-nullita' tal-Ewwel Kap, Tieni u Tielet Kap t'Akkuża innifishom, l-istess Onorabbli Qorti għandha tordna t-tħassir jew ir-riforma tal-partijiet in kwistjoni u dana sabiex jiġi assigurat proċess ekwu u ġust;

**<u>B. Nullita' tal-Atti Kumpilatorji - Ri-assenzjazzjoni tal-kawża</u>**

1. Illi nhar it-tmienja u għoxrin (28) t' April tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021), il-każ in kwistjoni kien ġie re-assenjat.

2. Illi tali assenjazzjoni kienet sar skont Artikolu 11 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u Artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali

3. Illi minkejja li saret tali assenjazzjoni l-Qorti diversament preseduta kienet naqset milli tikseb l-eżenzjoni tal-partijiet, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar,

4. Illi dan id-difett imur a favur l-imputat.

5. Illi l-proċedura kriminali għandha tiġi segwita b'mod preċiż u l-Qrati ma jistgħux jiddevjaw minn dawk in-normi ta' proċedura li huma f'ordni pubbliku.

6. Illi l-kwistjoni relattiva għan-nuqqas ta' dikjarazzjoni mill-Prosekuzzjoni u l-akkużat għall-eżenzjoni o meno milli ħtieġa li il-Qorti terġa tisma' xhieda li kienu diġa ġew mismugħa mill-Qorti tal-Maġistrati preċedentement hija prassi li ġiet adottata minn diversi Qrati tal-Maġistrati.

7. Illi referenza fuq dan ssir fil-kawza **<u>II-Pulizija vs. Joseph Bartolo</u>** tad-9 ta' Settembru 1999 fejn kien ġie ritenut is-segwenti: -

*"Gara, pero, li qabel ma dik il-qorti, kif presjeduta, ghaddiet ghas-sentenza, il- magistrat sedenti gie mahtur imhallef tal-Qrati Superjuri. Il-kawza li allura kienet ghadha pendenti giet assenjata lill-Magistrat iehor. Il-Qorti tal-Magistrati, presjeduta issa minn dan il-Magistrat l-ichor, regghet semghet biss fis-6 ta' April 1998 sottomissjonijiet finali min-naha tal-ufficjal prosekutur u tal-avukat difensur (jigifieri regghet saret dik li tissejjeh it-trattazzjoni), u fl-1 ta' Gunju, 1998 ippronunzjat is- sentenza taghha. Fi kliem ichor, il-qorti li ppronunzjat is-sentenza qatt ma kienet semghet ix-xhieda jixhdu izda strahet fuq it-traskrizzjoni tad-diversi deposizzjonijiet, inkluza ddeposizzjoni tal-istess imputat. F'dan il-kaz l-ewwel qorti dan ma setghetx taghmlu.*

*3. Il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta prim istanza kienet obbligata li tisma" "fil- qorti u viva voce" (Art. 646(1) tal-Kap. 9) ixxhieda mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza. Dan isir sabiex il-gudikant fdan il-kaz il-magistrat li jippronunzja s-sentenza jagħmel il-valutazzjoni tieghu tal-provi skond 1-Artikoli 637, 638 639 tal-Kodici Kriminali, u, billi japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrisultawlu, jiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputat Wiehed mill-kriterji l-aktar importanti sabiex il-gudikant jasal ghall-konkluzzjoni tieghu dwar x'jemmen jew x'ma jemminx minn dak li jghid xhud hu dak ta" "I-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud" (Art. 637) minn fuq il-pedana tax-xhieda. Biex dan il-kriterju jkun jista' jigi applikat hu evidenti li l-magistrat ghandu jisma' b'widhejh u jara b'ghajnej lix-xhud jiddeponi. Naturalment il-ligi tipprovdi wkoll ghal certi eccezzjonijiet fejn il-gudikant, anke fil- Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza, jista' joqghod fuq deposizzjonijiet migjuba bil-miktub, bhal, per ezempju, fil-kaz ta' certifikati ta tobba akkumpanjati minn affidavit (Art. 646(7)). Pero r-regola hi li l-gudikant tal-prim istanza ghandu jisma' hu ix-xhieda biex ikun verament f'posizzjoni li jaghti gudizzju skond il-ligi. II- posizzjoni hi differenti meta l-Qorti tal-Magistrati ma tkunx qed tagixxi bhala qorti ta' prim istanza, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Istruttorja biex tiddeciedi biss jekk hemmx kaz prima facie skond 1-Artikolu 401(2) tal-Kap. 9, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Rimandanti fi proceduri ta' estradizzjoni. Kwantu ghal din il-Qorti, cioe' ghall-Qorti ta' l-Appell Kriminali, il-posizzjoni dwar is-smigh ta' xhieda giet imfissra b'mod car fis-sentenza preliminari tat-23 ta Lulju, 1999 fil-kawza fl-ismijiet **<u>II- Pulizija v. Bartolomeo Micallef u Isabella Micallef</u>**, ghal liema sentenza qed issir referenza a skans ta' ripetizzjoni.*

*4. Fil-kaz in dizamina, il-magistrat li ppronunzja ssentenza ma sema xejn mill-provi, izda qaghad esklussivament fuq dak li nstema' minn magistrat iehor u gie traskritt. F'dan il-kaz ma kienx hemm il-problema li xi xhieda lehqu mietu jew hallew Malta jew ma setghux jinsabu, f'liema ipotesi wiehed seta' japplika (anke b'analogija ghal dak li jirrigwarda x-xhieda li nsetmghu mill-qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) id- disposizzjoni tal-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646. Fil-kaz in dizamina in-nuqqas tal-magistrat li ppronunzja ssentenza milli jisma' l-provi viva voce jistultifika ir-rwol ta' din il-Qorti (cioe' tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali) bhala qorti ta' revizjoni: meta f'dan il-kaz kollox jiddependi fuq kwistjoni ta' kredibbilita', u specjalment fuq il-kredibbilita' tal-istess imputat, din il-Qorti ma tistax tirrevedi 1- operat tal-ewwel qorti biex tara jekk l-apprezzament maghmul minn dik*

*il-qorti kienx wiehed ragjonevoli meta taf li l-gudikant fil-prim istanza qaghad biss fuq dak li kellu miktub quddiemu u li sema' haddiehor!*

*5.Kif gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza moghtiju fit-2 ta' Settembru, 1999 fl- ismijiet* ***Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro****, in-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalita sostanzjali jew xort'ohra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Tali nuqqas jincidi fuq is-sustanza tal-procedura kollha adoperata mill- ewwel qorti. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konsegwenza ghandha tkun l- istess bhalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu. Tali nuqqas, u l-konsegwenti nullita' tas-sentenza, huma sollevabbli ex officio minn din il-Qorti. Pero, biex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-doppju ezami, din il-Qorti mhux ser tisma' hi l-provi mill-gdid fil-meritu, izda ser tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti.*

8. Illi l-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali jaqra "Jekk il-Qorti superjuri ssib li l-Qorti inferjuri, għad li kompetenti biex tisma' l-każ, iddikjarat li ma kinitx hekk kompetenti, għandha tħassar is-sentenza, u tiddeċidi l-kawża fuq il-mertu. L-istess isir meta l-Qorti Superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalità li trid il-liġi taħt piena ta' nullità, jew li tkun xort'oħra sostanzjali" (enfazi tal-akkuzat).

9. Illi anka jekk din il-Qorti diversament preseduta kellha ssegwi l-posizzjoni prattika bażata fuq l-eżenzjoni tal-partijiet fir-rigward ta' dawk ix-xiehda li jkunu li jridu lil Qorti diversament presjeduta li terġa tisma' mill-ġdid o meno, almenu kellu jkollha l-konfort li kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiża jkunu vverbalizzaw il-posizzjoni tagħhom b'mod ċar u inekwivokabbli fl-atti tal-kawża.

10. Illi f'dan il-każ ġara li l-posizzjoni tal-Avukat Difensur u tal-Uffiċjal Prosekutur ma ġietx ottjenuta u verbalizzata.

11. Illi għalhekk dawn id-difetti proċedurali għandhom effett kumulattiv li jirrendu l-proċedura segwita minn nhar it-tmienja u għoxrin (28) t' April tas- sena elfejn wieħed

u għoxrin (2021), jiġifieri dakinhar li dan il-każ in kwistjoni kien ġie re-assenjat, il-quddiem, bħala nieqsa mis-sikurezza proċedurali meħtieġa fi proċediment kriminali.

12. Illi dan l-effett kumulattiv jirrendi minn dik il-parti tal-proċedura l-quddiem nulla stante li dan jammonta għall-irregolarita' fil-proċeduri li ma tistax tiġi sanata. Jiġi umilment rilevat li huwa obbligu tal-Avukat Ġenerali li jeżamina l-atti tal-proċess f'kumpilazzjoni, u f'każ li jirriżultalu li hemm xi nuqqas, huwa għandu jirrinvija l-atti proċesswali lil dik il-Qorti permezz ta' rinviju fejn jitlob lill-Maġistrat sabiex jirregolarizza tali nuqqas, xi ħaġa li ma saritx fil-mertu tal-eċċezzjoni odjerna.

**<u>C. Inammissibilita' ta' Provi</u>**

1. L-isfilz tad-depozizjoni ta' nhar 27 ta' Frar 2020, bl-Ingliż tax-xhud Elle Coupe (a fol 110 et seq tal-atti proċesswali) u dan peress illi d-depozizzjoni tax-xhieda tagħha hija kompletament u esklussivament, hearsay evidence, u dan ai termini tal-Artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Procedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-hearsay evidence, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-Artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali u konsegwentement mhux ammissibli skond il-liġi.

2. Illi kontestwalment l-isfilz tal-istess xhieda ta' Elle Coupe li ġiet tradotta mill-Lingwa Ingliża għal dik Maltija minn Dr. Katya Vassallo fuq inkarigu tal-Qorti, liema testimonjanza tradotta bil-Malti (a fol 171 et seq tal-atti processwali) ġiet preżentata nhar it-23 ta' Ġunju 2020 mill-istess Dr. Katya Vassallo.

3. L-isfilz tad-depożizzjoni ta' nhar is-27 ta' Frar 2020, bl-Ingliż tax-xhud Kelly Kirkbride (a fol 130 et seq tal-atti processwali) u dan peress illi d-depozizzjoni tax-xhieda tagħha hija kompletament u esklussivament, hearsay evidence, u dan ai termini tal-Artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-hearsay evidence, u rezi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta'

Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-Artikoli 520(1)(d) u 645 tal- Kodiċi Kriminali u konsegwentement mhux ammissibli skond il-liġi.

4. Kontestwalment l-isfilz tal-istess xhieda ta' Kelly Kirkbride li ġiet tradotta mil-Lingwa Ingliża għal dik Maltija minn Dr. Katya Vassallo fuq inkarigu tal-Qorti, liema testimonjanza tradotta bil-Malti (a fol 184 et seq tal-atti processwali) ġiet preżentata nhar it-23 ta' Ġunju 2020 mill-istess Dr. Katya Vassallo.

5. L-inammissibilita' tax-xhieda ta' Marie Bajada u Lara Bonnici, lkoll social workers u impjegati mal-Agenzija Appoġġ, in kwantu x-xhieda tagħhom hija bbażata fuq ix-xhieda mogħtija minn ħaddieħor u għalhekk hija 'hearsay', kif ukoll għaliex, in vista tal-fatt li huma ma kienux xhieda okulari, kwalunkwe xhieda eventwali tagħhom hija magħmula minn opinjonijiet u mhux fatti.

6. Illi barra minn hekk, in kwantu huma ma għandhomx kwalifiki suffiċjenti biex jitqiesu 'esperti in materja ta' psikoloġija u psikjatrija jew esperti maħtura mill-Onorabbli Qorti f'inkjesta, liema inkjesta fil-każ odjern qatt ma saret, ma jikkwalifkawx biex jitħallew jagħtu l-opinjonijiet tagħhom fuq materja li m'humiex esperti fiha.

7. Illi fid-dawl ta' dan, qed jintalab l-isfilz tad-depożizjoni ta' nhar 23 ta' Ġunju 2020, tax-xhud Marie Bajada (a fol 230 et seq tal-atti processwali) u dan peress illi d-depożizzjoni tax-xhieda tagħha hija kompletament u esklussivament, hearsay evidence, u dan ai termini tal-Artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta’ Organiżazzjoni u Procedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-hearsay evidence, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis- saħħa tal-Artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali u konsegwentement mhux ammissibli skond il-liġi kif ukoll l-isfilz tad-dokumenti relattivi ma tali xhieda ossia dawk misjuba a folio 14, 15 u 16 tal-atti proċesswali stante li dawn jammontaw għal-documentary hearsay evidence.

8. Illi fid-dawl ta' dan, qed jintalab l-isfilz tad-depozizjoni ta' nhar 28 ta' Lulju 2020, tax-xhud Lara Bonnici (a fol 244 et seq tal-atti proċesswali) u dan peress illi d-depozizzjoni tax-xhieda tagħha hija kompletament u esklussivament, hearsay evidence, u dan ai termini tal-Artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta Organiżazzjoni u Procedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-hearsay evidence, u rezi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis- saħħa tal-Artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali u konsegwentement mhux ammissibli skond il-liġi.

9. L-isfilz tad-depożizzjoni ta' nhar it-18 ta' Diċembru 2020, tax-xhud WPS Claire Casha (a fol 321 et seq tal-atti processwali) u dan peress illi d-depożizzjoni tax- xhieda tagħha hija kompletament u esklussivament, hearsay evidence, u dan ai termini tal-Artikoli 598 u 599 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) li jirregolaw il-hearsay evidence, u rezi applikabbli fi procedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-Artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodici Kriminali u konsegwentement mhux ammissibli skond il-liġi.

10. III kwalunkwe riferiment għal xi ħaġa li hemm fl-atti li tista' tkun ta' preġudizzju għal smiegh xieraq qiegħed jiġi preventivament mitlub li jitħalla barra u m'għandux jitħalla jissemma fil-ġuri.

***<u>D. Il-hearsay evidence u documentary hearsay evidence</u>***

1. In sostenn tas-sue espost, l-esponenti jagħmel referenza għas-sentenza deċiża mill-Qorti Kriminali fuq eċċezzjonijiet preliminari nhar il-31 ta' Mejju, 2007 fl- ismijiet: *Ir-Repubblika ta' Malta v. David sive David-Norbert Schembri* fejn si tratta ta' *documentary hearsay evidence*, gie ritenut hekk:

*"Hu proprju hawn la din il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni naqset fir-rigward tal- esebizzjoni ta' dan id-dokument. Dak li qal Joseph Scicluna lill-Ispettur Tonna dwar dan ir-recording kif xehdu Tonna huwa hearsay evidence u zgur kien mistenni - kif del resto hass l-Istess Spettur Tonna meta xehed waqt li kien qed jipprezenta d-dokument -li Joseph Scicluna kellu jixhed biex*

*jikkonferma l-awtenticita' tar-recording, u kif u f liema cirkostanzi hadu u x' mezzi adopera biex irregistra din l-allegata konversazzjoni telefonika. Kien mehtieg ukoll li tigi pruvata l-kontinwita tal-evidenza mill-hin li sar l-allegat recording sal-mument li gie konsenjat lill-Ispettur Tonna. Dan pero' baqa' ma sarx quddiem il-Qorti Istruttorja, x' aktarx minhabba xi "oversight" tal-istess Spettur u tal- Avukat addett mill- ufficcju tal-Avukat Generali li kien qed isegwi l-kaz u dan id-dokument gie u baqa' esebit fil-process bla ma qatt gie konfermat bil-gurament minn min kien responsabbli ghall-holqien, l-ezistenza w l-paternita' tieghu w bla ma saret il- prova tal-kontinwita' tal-evidenza. Ghalhekk din il-Qorti qed tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-akkuzat u tiddikjara il-cassette tape (Dok. JS) inammissibli bhala prova ghar-raguni fuq indikata."*

2. Illi l-*hearsay evidence* ma tistax tintuża malizjozament sabiex tikkorrobora provi li jsiru b'mod legali.

3. Illi l-opinjonijiet jistgħu jingħataw biss minn esperti maħtura mill-Magistrat Inkwirenti jew mill-Qorti.

4. Illi l-akkużat qiegħed joġġezzjona għax-xhieda tal-persuni fl-istruttorja li taw ix-xhiedha tagħhom dwar fatti li ġew a konjizzjoni tagħhom mingħand ħaddieħor jew li qallhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.

5. Illi l-akkużat jgħid x-xhieda ta' dawn in-nies tista' tkun bażata biss fuq opinjonijiet u hearsay evidence għalhekk għandhom jiġu esklużi a priori.

6. Illi l-akkużat hu konsapevoli tal-pożizzjoni legali dwar il-hearsay evidence kif spjegata kostantement mill-Qrati tagħna iżda dak li qiegħed iħasseb lill-akkużat hu l-abbuż li jista' jsir mir-regola msemmija dwar il-hearsay peress li dak li jkun qal ħaddieħor jista' jiġi malizzjozament użat sabiex minflok biex jikkontrolla dak li jkun xehed ħaddieħor jew sabiex jikkorrobora provi diretti oħra jintuża sabiex effettivament issostitwixxi dik ix-xiehda ta' ħaddieħor jew dawk il-provi diretti l-oħra.

7. Illi huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri presedut mill-Imħallef togat li jagħti serħan il-moħħ lill-akkużat, għaliex din is-sistema tassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata.

8. Illi r-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u cioe' li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużat.

9. Illi d-depozizzjonijiet kollha għajr tal-allegata vittma huma kollha detto del detto.

10. Illi għalhekk dawn id-depozizzjonijiet għandhom kollha jiġi sfilzati.

11. Illi bl-umli rispett dawn id-depozizzjonijiet għandhom jitqiesu bħala nulli u bla effett u dan a tenut kont tal-fatt illi x-xhieda tagħhom mhix provata sal-grad rikjest mil-liġi.

12. Għaldaqstant a bażi tal-prinċipju legali quod nullum est, nullum producit effectum, dak kollu li rriżulta minn tali provi prodotti mill-prosekuzzjoni huwa inammissibbli. Din l-eċċezzjoni qedha tingħata a tenur u bis-saħħa tal-artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali.

13. Illi oltre minn hekk dawn id-depożizzjonijiet surreferiti fis-section preċedenti ma jagħtu l-ebda konvinċiment morali sabiex din l-Onorabbli Qorti tista tkun moralment konvinta sabiex issib il-ħħtija fil-konfront tal-akkuzżat u għħandhom jiġu sfilzati.

**E. L-Inkjesta Magisterjali**

11. Illi primarjament kemm il-prosekuzzjoni u kif ukoll id-difiża it-tnejn jaqblu illi l-akkużi maħruġa kontra Joseph Azzopardi huma ta' natura serja ħafna.

12. Illi mela allura in breve il-prosekuzzjoni kienet ben konsapevoli tal-allegati incidenti li kienu ġew irrapurtati li seħħew, għaliex kellha stampa ċara ta dan li kien ġie allegat.

13. Illi allura ukoll il-prosekuzzjoni kienet ben konsapevoli tas-serjeta tal-allegati inċidenti li kienu seħħew u n-natura tal-każ tagħhom.

14. Illi ukoll il-prosekuzzjoni kienet taf illi tali allegazzjoni kienu jġibu fuq l-akkużat pieni ħorox.

15. Illi allura kien fl-interess tal-ġustizzja illi l-prosekuzzjoni tipreserva l-provi kollha sabiex tipprova o meno dan il-każ quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja.

16. Illi minkejja l-fatt li l-prosekuzzjoni kienet ben konsapevoli ta' allegati inċidenti li allegatament seħħew xorta waħda ma għażlitx li tippreserva dik l-evidenza kollha li kienet xierqa u importanti sabiex tipprova o meno l-allegazzjonijiet tal-allegata vittma.

17. Illi allura hawnhekk ninsagħbu f'sitwazzjoni fejn għandek xhiedha u allegata vittma fejn minkejja li l-prosekuzzjoni kienet ben konsapevoli li ma jgħidux il-verita, dawn xorta waħda jiġu emmnuti kompletament.

18. Illi l-prosekuzzjoni ukoll tagħti fiduċja sħiħa lil tali allegata vittma minkejja li l-istess allegata vittma inqabdet jgħid verżjonijiet differenti tal-istess każ lill-persuni differenti inkluż lill-Qorti stess u minkejja n-nuqqas ta' rapport ta esperti.

19. Illi allura il-Qorti hawnhekk hija affaċjata b'każ illi meta niġu għas-sustanza, din is-sustanza essenzjalment ma teżistix għax primarjament il-prosekuzzjoni naqqset milli tippriserva tal-provi.

20. Illi minkejja dan, u minkejja n-nuqqas ta' esperti li kellhom jiġu maħtura a tempo vergine, sabiex jeżaminaw l-fatti u jagħtu l-opinjonijiet tagħhom lill-Qorti, l-allegata vittma għal darb'oħra tiġi emmnuta kompletament.

21. Illi għalhekk il-Qorti ma jistgħax ikollha ċertezza morali li dawn l-allegati inċidenti seħħew meta tali provi daqshekk kruċjali u importanti huma nieqsa mill-atti proċesswali.

22. Illi għalhekk f'dan in-nuqqas il-Kapi t'Akkuża fil-konfront tal-akkużat ma jistgħux jissustixxu u huma għaldaqstant nulli kif ukoll l-atti Kumpilatorji huma wkoll difettużi u monki mill-bidu.

**<u>F. L-aħjar prova</u>**

1. Illi d-dmir tal-prosekuzzjoni huwa li tressaq kull prova favur u kontra l-akkużat, huwa provdut fl-artikolu 356 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Illi bl-umli rispett, il-Qorti hija affaċjata b'verżjoni dubjuża tal-allegata vittma li wieħed ma jistgħax jistrieħ fuqha meta taraha in toto u b'mod ħolistiku.

3. Illi b'referenza għall-Arikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali:

"638. (1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti. (2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."

4. Illi fil-verbal a folio 83, il-partner koabitanti tal-imputat, ossia Rachel Maria Schooling ġiet iddikjarata bħala xhud inamissibbli dan kollhu għax tiġi partner tal-

imputat u dan minkejja l-fatt li din xhud hija xhud okulari, koabitanti mal-imputat u anke saħansitra intalbet fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali misjuba a folio 82.

5. Illi semmai, kien jispetta fuq il-prosekuzzjoni li x-xhud tiddikjara hija stess wara li tingħata il-caution jekk tridx tixhed jew le f'dawn il-proċeduri u tingħata d-dritt tar-rifjut li tixhed minħabba l-fatt li tiġi mill-imputat.

6. Illi għaldaqstant in vista ta' dan l-Att ta' Akkuża u anke l-Atti kumpilatorji huma monki mill-aqwa prova u mill-prova sħiħa favur u kontra b'konsegwenza li l-imputat qiegħħed soġġett għan-nuqqas ta' Smiegħ Xieraq, dritt fundamentali.

7. Illi allura bottom line meta wieħed jgħarbel dawn l-allegati inċidenti, ninsagħbu f'sitwazzjoni fejn fuq verżjoni ta' tifla li xhiedha tagħha mhix pruvata, għaliex ukoll ma hemm l-ebda prova konkreta, l-akkużat jista ikollu jbagħti l-konsegwenzi qarsa u ħorox, iktar milli preżentement qed ibagħti u ġa bata fil-passat minħabba allegazzjonijiet mhux pruvati.

8. Illi għalhekk il-Qorti ma jistghax ikollha ċertezza morali li dawn l-allegati inċidenti seħħew meta tali provi daqshekk kruċjali huma nieqsa mill-atti proċesswali.

9. Illi minkejja li jeżistu ċertfikati dawn ma jistgħux jikkonvinċu moralment lill-Qorti, **<u>mingħajr l-ebda dubju dettat mir-raġuni</u>**, li tali allegazzjonijiet verament seħħew.

10. Illi sabiex tinstab ħtija fil-konfront tal-imputat għall-imputazzjoni ta' attivitajiet sesswali, stupru u korruzjoni ta' tfal taħt is-sittax il-sena din il-Qorti jrid ikollha l-konvinċiment morali illi l-allegat abbuż realment sar.

11. Illi għalhekk considerando l-kunflitt fil-provi partikolarment tax-xhiedha in atti, bla dubju il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

12. Illi mil-banda l'oħra jeżisti d-dubju reali, li l-allegati abbużi seħħew u għalhekk, il-Qorti ma tistgħax tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

13. Illi għalhekk f'dan in-nuqqas il-kapi t'akkuża fil-konfront tal-akkużat ma jistgħax jissustixxux u l-atti kumpilatorji huma wkoll neqsin u nulli.

**<u>G. Il-karattru tal-persuna</u>**

1. Illi Joseph Azzopardi jargumenta illi dak kollu li jirrifleti jew jagħti dawl fuq il-karattru tiegħu għandu jiġi sfilzat.

2. Illi Joseph Azzopardi jargumenta ukoll dawk l-opinjonijiet kollha fil-konfront tal-akkużat imorru kontra l-prezżunzjoni tal-innoċenza ta' Joseph Azzopardi u jinfluwenzaw b'mod negattiv lill-ġurati, għalhekk ukoll għandhom jiġu sfilzati.

3. Illi referenza tista' ssir għall-artiklu 459A tal-Kodici Kriminali illi jaqra:

*"459A. (1) L-imputat li jitla jixhed m'għandux jigi mistoqsi,* ***u jekk jiġi mistoqsi ma jkunx mehtieġ li jwieġeb, xi mistoqsija li x'aktarx turi li huwa jkun ikkommetta, jew instab hati, jew ikun ġie akkużat*** *b'xi reat hlief dak ir-reat li jkun qed jiġi akkużat dwaru****, jew li jkollu karattru hażin****, ghajr meta-*

*a) l-prova li jkun ikkommetta jew insab hati ta' reat ichor bhal dak tkun prova ammissibbli biex turi li jkun hati ta' reat li jkun qed jiġi akkużat bih; jew*

*(b) huwa jkun personalment jew permezz tal-avukat tieghu staqsa mistoqsijiet lix- xhieda tal-prosekuzzjoni bil-għan li jistabbilixxi I-karattru tajjeb tiegħu, jew ikun ta xichda tal-karattru tajjeb tieghu, jew ix-xorta jew l-andament tad-difiża jkunu tali li jinvolvu akkużi dwar il-karattru tal-prosekutur jew ix-xhieda tal-prosekuzzjoni, jew il-vittma l-mejta tad-delitt allegat,jew*

*(c) ikun ta xiehda li tinvolvi fl-ghemil ta' xi reat li bihikun qieghed jiġi akkużat, lil xi persuna ohra akkużatafl-istess proċedimenti.*

*(2) F'kull ċirkostanza msemmija fil-paragrafi (a) sa (c) hawn aktar qabel kull record li jkun jindika li kien hemm xi sejbien ta' ħtija precedenti tal-persuna akkużata jew imputata jista' jingieb bi prova*"

4. Illi għaldaqstant dawk is-sentenzi kollha li ingħataw minn din il-Qorti diversament preseduta fil-konfront tal-istess Joseph Azzopardi, senjalatament dawk preżentati mill-Ispettur Roxanne Tabone nhar it-28 ta' Lulju 2020 a folio 247 et seq tal-Atti Proċesswali kif ukoll dawk preżentati mis-Sur Helenio Galea nhar id-9 ta' Mejju 2023 a folio 528 et seq tal-atti proċesswali għandhom jiġu sfilzati mill-atti tal-kumpilazzjoni jew alternattivament m'għandhomx jiġu murija bl-ebda mod lill-ġurati stante illi dan jaf jikkostitwixxi preġudizzju lill-akkużat.

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u alternattivament għal dak ritenut għalkemm l-imputat mhux qed jikkontesta il-fatt li s-sentenzi supra-indikati mogħtija fil-konfront tiegħu għandhom l-konnotati tagħhom u proprju kienu ngħataw fil-konfront tiegħu, il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova jekk is-sentenzi preżentati mis-Sur Helenio Galea a folio 528 et seq tal-atti proċesswali, jikkostitwux res judicata jew le u jekk l-imputat kienx effettivament intavola appell minn tali ġudizzji u jekk ġew intavolati appelli, jekk tali appelli ġewx deċiżi.

Fid-dawl tas-suespost qiegħda ssir referenza għall-artikolu 416(1) tal-Kap 9 tal- Liġijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

> "*416 (1). Il-persuna misjuba hatja li ma tkunx taht arrest ghar-reat li tieghu tkun giet misjuba hatja tista, meta tiddikjara imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza, taqla' mill-Qorti inferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza …*"

L-Oneru tal-prova huwa fuq il-Prosekuzzjoni u effettivament kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni illi ttella' lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jiddeponi u jikkonferma bil-ġurament tiegħu jekk tali ġudizzji jikkostitwixxux res judicata jew le.

Madanakollu l-atti proċesswali huma sajma minn dina l-prova.

In sostenn tas-su espost, issir referenza għas-sentenza deċiża nhar il-21 ta' Jannar, 2020 mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1] fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Said Bouslama'** fejn ġie sostnut illi:

> **"Din il-Qorti tqis li ma huwiex biżżejjed li tiġi pprezentata sentenza, ghandu jiġi kkonfermat bil-ġurament li ma kienx hemm appell minn dik is-sentenza, u dan jew tramite l-Uffiċjal Prosekutur li jikkonferma bil-gurament li s-sentenza hija res judicata jew billi jitla' r-Registratur jikkonferma li ma ġiex intavolat appell minn dik is-sentenza u li ghalhekk hija res judicata. Din il-Qorti tqis li bis-sempliċi preżentata tas-** sentenza mill-Ispettur Anthony Portelli waqt ix-xhieda tieghu, ma ġiex ippruvat li dik is-sentenza kienet res judicata. Din il-Qorti sejra ghalhekk tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet htija tas-seba imputazzjoni u fejn ordnat li l-piena ta' tlett (3) xhur priġunerija mogħtija f'dik is- sentenza jigu skontati." [sottolinejar tal-esponenti).

Dina l-argumentazzjoni tissaħħaħ iżjed fid-dawl tal-fatt li jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li ġġib l-aqwa prova sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan għaliex kif jgħid il- Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> "Il cosí detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa onus probandi incumbit qui osserviť"

L-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali jistipula li:

> "Bhala regola għandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti u li ma jithalla barra ebda xhud li x- xhieda tiegħu ikun importanti."

Di piu' l-artikolu 520(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali jrendi lill-artikolu 559 tal- Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili applikabbli għall-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali. L-artikolu 559 tal-Kap 12 jistipula illi:

> "Il-Qorti ghandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l- parti tista' ġġib."

Di piu, fid-dawl ta' dawn l-imputazzjonijiet, ssir referenza wkoll għal sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Joseph Zammit'</u>** deċiża nhar is-17 ta' Ġunju, 2016 fejn ġie retenut illi:

> "Il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet tal-partijiet f'dan il-każ u tqis illi kif stqarret korrettament id-difiża din il-Qorti trid tistrieħ fuq l-aqwa prova u mhux semplicement fuq "prova".
>
> Ir-regola tal-best evidence trid tiġi mharsa fkull procediment penali inkluż dawk tekniċi.
>
> F'dan il-każ jirriżulta illi huwa minnu li l-Prosekuzzjoni ressqet għadd ta' dokumenti li in bażi tagħhom riedet issostni l-każ tagħha, fosthom hemm id-dokument a fol. 2 et. sequitur.
>
> Il-Qorti tosserva li kif mistqarr mid-difiża id-dokument a fol. Numru 2 ma ġiex debitament awtentikat u ppruvat skond kif kien meħtieġ fil- proċedura Maltija.

l-istess jista' jingħad ghal kumplament tad-dokument sa fol. 5 fejn ebda rapprezentant tar-reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ma ġie ppreżentat biex jikkonferma li d-dokumenti hemm hekk eżebiti huma estratti mill-atti ta' dawn il-Qrati.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet aktar 'il fuq imsemmija il_Qorti qiegħda tqis li l-Prosekuzzjoni naqqset milli tipprova 1-każ tagħha sal-grad rikjest mil-liġi u ċioe prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni bbażata fuq the best admissible evidence."

Applikati dan it-tagħlim ghall-każ odjern, jirriżulta illi għalkemm fil-każ odjern ġew esebiti veru-koppji ta' sentenzi, madanakollu dawn id-dokumenti ġew ppreżentati mill-uffiċċjal Prosekutur u bl-ebda mod u manjiera ma ġew ikkonfermati mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u għaldaqstant għandhom jiġu sfilzati.

**<u>H. Sommarju</u>**

6. Illi l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista ta' dak mniżżel fil-Kapi Akkuża, u taċ-ċikrostanzi kollha hemm imsemmi, akkużat lill-akkużat Joseph Azzopardi ħati għall-akkużi kif dedotti fl-istess Kapi t' Akkuża.

7. Illi fl-umli rispett tal-istess akkużat, x-xiedha tax-xhiedha hawn fuq imsemmija, huma kollha nulli u bla effett, għalhekk bl-ebda mod ma jistgħu jwasslu sabiex isibu ħtija fl-akkużat.

8. Illi l-Qorti ma tistax ssib lil Joseph Azzopardi bħala ħati ta' tali akkużi meta għandha l-atti kumpilatorji neqsin minn Inkjesta Magistrajali u rapporti essenzjali li jistgħu bijoloġikament jiddeterminaw, mingħajr kull dubju dettatt mir-raġun jekk tali strupru seħħx jew le.

9. Illi a bażi tal-prinċipju legali quod nullum est, nullum producit effectum, dak kollu li rriżulta minn tali provi prodotti mill-prosekuzzjoni huwa inammissibbli. Din l-eċċezzjoni qed tingħata a tenur u bis-saħħa tal-artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali.

10. Illi għalhekk f'dan in-nuqqas il-Kapi tal-Akkuża fil-konfront tal-akkużat ma tistgħax jistituwixxi.

Rat illi permezz ta'sentenza datata it-22 ta' Jannar, 2024, din il-Qorti ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-akkużat Azzopardi enumerata bħala A2 u ordnat il-kontinwazzjoni tas-smiegħ tal-eċċezzjonijiet l-oħra.

Semgħet il-partijiet jitrattaw l-bqija tal-eċċezzjonijiet nhar it-8 ta' Frar, 2024.

**Ikkunsidrat,**

Illi permezz **tal-ecċċezzjoni tiegħu enumerata A1**, l-akkużat Azzopardi qiegħed jgħid illi t-tliet kapi tal-Att ta' Akkuża qiegħdin jingħataw kollettivament u mhux qed jingħad li wieħed huwa kap alternattiv għal xi kap ieħor u li '*rebus sic stantibus*', Att ta' Akkuża li jippostula r-reati ta' stupru u korruzzjoni ta' minorenni flimkien mhux sostenibbli.

Issir referenza għas-sentenza li għamlet l-Avukat Ġenerali fit-trattazzjoni tagħha u cioe' **ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis**,[1] fejn kienet tqajjmet din l-eċċezzjoni b'mod identiku u din il-Qorti kif diversament ippreseduta kienet qalet hekk:

> *'Din il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument. It-tlett kapi jirriflettu akkuzi differenti u l-gurati jistghu jekk ikun il-kaz isibu lill-akkuzat hati tal-ewwel kap f'liema cirkostanzi allura t-tieni kap jigi alternattiv. Imma jistghu ma jsibuhx hati tal-ewwel kap u jsibuh hati tat-tieni u t-tielet, f'liema kaz allura l-Qorti tkun tista' tirregola l-pozizzjoni taghha*

[1] Deciza minn din il—Qorti kif diversament ippreseduta nhar il-11 ta' Frar, 2015.

*fil-kuntest tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali safejn dawn l-akkuzi jkunu alternattivi jew involuti u inkorporati. Però bhala att ta' akkuza jista' jibqa' kif inhu bi tlett kapi separati.*

Din il-Qorti m'għandiex wisq x'żżid ma dak indikat *supra*, u għalhekk qedgħa tiċħad l-eccezzjoni numerata bhala A1 tal-akkuzat Azzopardi.

Permezz **tal-eċċezzjoni numerata bħala A3**, l-akkużat Azzopardi qed jeċepixxi l-eċċezzjoni tan-nullita' tal-proċedura kollha tal-kumpilazzjoni u dan peress illi kif jirriżulta ix-xhieda kollha ġiet reġistrata b'mezzi diġitali u mhux b'mezzi elettrono-manjetiċi.

Din il-Qorti kif ippreseduta, f'sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Clayton Azzopardi**,[2] iddeċidiet fuq eċċezzjoni simili u tenniet is-segwenti:

*'L-Att Dwar ir-Registrazzjoni Elettro-Manjetici u cioe' Kapitlu 248 tal-Ligijiet ta' Malta gie originarjament promulgat fl-1980 u kien gie l-ahhar emendat fl-1995. Tajjeb illi wiehed jenfasizza illi minn dakinhar it-teknologija ghamlet avvanzi kbar u li anke l-Qrati taghna jipprovaw izommu ruhhom aggornati mal-avvanzi teknologici. Is-sentenza fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degorgio et***[3] *ghamlet referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kapitolu 284 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula li:*

*"Minkejja kull disposizzjoni f'xi liġi oħra, kull qorti* ***tista'*** *tordna li l-proċedimenti tagħha jew xi parti minnhom jiġu reġistrati b'mezzi elettro-manjetiċi."*

*Il-kelma 'tista'' hija ndikattiva li l-Qorti ghandha* ***ghazla*** *u mhux obbligata li tirregistra xhieda b'mezzi elettro-manjetici. Ghaldaqstant*

[2] Deciza nhar il-11 ta' Mejju, 2023.
[3] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-30 t' Ottubru, 2020.

*din il-Qorti zgur li mhux sejra tisfilza x-xhieda kollha fl-inkjesta ghaliex dawn ma gewx registrati b'mezzi elettro-manjetici u ghalhekk it-tnax-il eccezzjoni wkoll qedgha tigi michuda.'*

Għaldaqstant, din il-Qorti ma għandha xejn xi żżid f'dan ir-rigward u stante li l-Qrati mhux obbligati jirreġistraw ix-xhieda b'mezzi elettro-manjetici, din il-Qorti qedgħa tiċħad ukoll din l-ecċċezzjoni.

**<u>Fl-eċċezzjoni A4,</u>** l-akkużat qed jitlob l-isfilz u/jew il-modifika ta' kliem u siltiet mill-partijiet narrativa ta' l-Att ta' l-Akkuża u dan għaliex ġew dramattizzati, sabiex jinħoloq sensazzjonaliżmu u sabiex jinxteħet dell ikrah fuq l-akkużat u b'hekk jiġu nfluwenzati b'mod negattiv il-ġurati.

Dwar il-parti esposittiva tal-att t'akkuża, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza riċenti fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Darren Mizzi</u>**,[4] fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

*17. Illi l-Att tal-Akkuża huwa dak id-dokument li jkun jikkontjeni fatti narrati, li jorbtu mal-akkuża li ssewgi, li l-Avukat Ġenerali jislet mill-provi ikkumpilati waqt il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja u ma jkunux fatti li l-Avukat Ġenerali jkun ħoloq sabiex jitfa' xi dell ikrah jew ta'ħtija fuq l-akkużat. Dan l-Att iservi sabiex l-akkużat permezz tal-fatti elaborati fil-parti narrattiva jkollu stampa ċara tal-provi li għandha f'idejha il-Prosekuzjoni u li fuqhom qiegħda tibni il-każ tagħha, biex b'hekk b'rispett lejn il-prinċipju tal-parita' tal-armi, l-persuna akkużata tkun tista' tipprepara għad-difiża tagħha, kif rilevat mill-Qorti Kirminali fis-sentenza tagħha. Illi, ukoll, il-parti narrattiva ta'l-Att ta'l-Akkuża lanqas ma tista' tiddeskrivi fid-dettall il-provi kollha emerġenti mill-kumpilazzjoni u dan għaliex il-ġurati, kif dejjem ikunu imwissija mill-Imħallef li jippresedi il-ġuri, għandhom jistrieħu fil-ġudizzju aħħari tagħhom fuq il-fatti li jemerġu mill-provi li*

[4] Deciza nhar l-24 ta' Jannar, 2024.

*jinstemgħu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri* ***u mhux fuq dawk il-fatti narrati mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża.***

*18. L-Att tal-Akkuża jinqara lil ġurati fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri sabiex jkun lilhom indikat il-fatti li fuqhom l-Avukat Ġenerali ikun qed jixli lil persuna akkużata bir-reati imbagħad ipprospettati fil-parti akkużatorja tal-imsemmi Att, iżda dan ma għandu ebda valur probatorju. Il-provi in sostenn tal-Kapi tal-Att tal-Akkuża huma dawk li tressaq il-Prosekuzzjoni waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Infatti l-ġurati, bħala mħallfin tal-fatt, isejsu l-verdett tagħhom biss fuq il-provi li jkunu ġew prodotti quddiemhom waqt il-ċelebrazzjoni tal-ġuri fejn l-Att tal-Akkuża ma jitqiesx bħala parti minn dawk il-provi.* ***Di piu', l-Avukat Ġenerali, ġeneralment waqt ir-Rekwiżitorja, jispjega lill-ġurati li l-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża ma torbotx u li ma tikkostitwixxi l-ebda prova fil-konfront tal-akkużat, u li l-verdett tagħhom irid ikun imsejjes biss fuq il-provi prodotti waqt iċ-ċelebrazzzjoni tal-ġuri. Kif ukoll l-Imħallef togat waqt l-indiri.zz tiegħu lill-ġurati jiggwidahom dwar kif għandhom jixtarru l-provi miġjuba quddiemhom waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.***

*….*

*21. Illi din il-Qorti hija konkordi mal-fehma tal-Qorti Kriminali illi dak li jrid jiġi deċiż f'dan l-istadju huwa jekk il-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża tirrispekkjax id-dettami tal-artikolu 589(c) tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe' jekk il-parti narrattiva hijiex msejsa fuq il-provi kif jemerġu mill-atti tal-kumpilazzjoni, u jekk il-parti narrattiva fis-sustanza tiddeskrivix ir-reati li bihom huwa mixli l-akkużat.*

*22. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Yorgen Fenech</u>** deċiża minn din il-Qorti, kif diversament komposta, nhar l-4 t'Ottubru 2023 ġie deċiż is-segwenti:*

*"13. Dan l-artikolu jirreferi ghall-parti hekk imsejha narrattiva tal-att tal-akkuza fejn l-Avukat Generali jiddeskrivi dawk il-partikolaritajiet deskrittivi, ossia il-fatti, mhux kif jidhirlu, izda¸ kif jemergu mill-atti kumpilatorji. Naturalment il-parti narrattiva ma tistax, bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni, tkun sommarju tal-fatti kollha hekk emergenti basta, pero' li tkun konformi tas-subinciz appena riprodott. Dan l-artikolu, izda, ma jistax fl-istess waqt jitqies li huwa indipendenti, jew kif jinghad bl-ilsien Ingliz, a stand-alone, ghaliex jehtieg li jkun mhaddem flimkien ma' disposizzjonijiet ohra tal-ligi fosthom dik il-parti tal-Kodici Kriminali li tobbliga lill-imhallef togat li jfisser lill-gurati illi l-parti narrattiva jew esposittiva tal-att tal-akkuza ma tammontax ghall-prova u li l-prova trid issir mill-prosekuzzjoni fil-kors tal-guri minn dak kollu li jingieb quddiemhom;*

*14. L-appellant hu tal-fehma li ghaliex, skond hu, l-parti narrattiva tal-att tal-akkuza hija karenti, ossia ma jispecifikax il-ftehim dwar il-mod kif kellu jsir r-reat li bih huwa akkuzat liema element huwa wiehed minn dawk mehtiega sabiex jirrizulta r-reat ta' kongura jew ahjar, assocjazzjoni, allura l-att tal-akkuza f'dak il-kap huwa null.* ***Jibda biex jinghad illi dan l-istadju tal-proceduri m'huwiex mahsub sabiex isir il-gudizzju dwar il-fatti ghaliex dak, kif gia inghad, huwa rizervat ghall-gurati. Dak li irid ikun deciz f'dan l-istadju partikolari tal-process penali hu, la darba saret din l-eccezzjoni, li l-parti narrattiva u l-parti akkuzatorja (ex subinciz (d) tal-artikolu 589) jkunu riflessi fi jew rizultat tal-atti kumpilatorji u li l-parti esposittiva ikun fiha bizzejjed***

***partikolaritajiet li fis-sustanza tiddeskrivi r-reat li bih huwa mixli l-akkuzat'***

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Kevin Gatt u Omissis** deċiża nhar is-27 ta' Ottubru 2021 fejn intqal is-segwenti :

> *25. Huwa ben risaput u kemm–il darba riaffermat fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi l-liġi tħalli fid-diskrezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali biex ifassal l-Att ta' l-Akkuża u l-kapi rispettivi kontenenti l-akkuzi imressqa fil-konfront tal-persuna akkużata. L-Avukat Ġenerali huwa marbut b`dak li jgħid l-artikolu 589 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi hekk :*
>
> *"L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –*
>
> *(a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;*
>
> *(b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;*
>
> *(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ- ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u*
>
> *(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."*
>
> ***26. Illi allura dawk il-fatti li l-Avukat Ġenerali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva ta' l-Att ta'***

***l-Akkuża bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu imsejjaħ biex jiġġudika, u l-ġurija popolari dejjem tiġi imwissija f'dan is-sens mill-Imħallef togat. Lanqas ma jista' l-appellant jallega illi b' tali esposizzjoni tal-fatti mill-Avukat Ġenerali jista' jiġi ppreġudikat il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq ladarba huwa ser igħaddi proċess ġudizzjarju fejn il-Prosekuzzjoni għandha tressaq il-provi li jsostnu l-akkużi kif dedotti fl-Att ta' l-Akkuża, bid-dritt ta' l-akkużat li jressaq difiża xierqa u adegwata fejn ikollu kull opportunita` jipprova ixejjen il-provi li ġġib il-Prosekuzzjoni.***

***27. Issa jekk huwiex minnu illi l-appellant irċeva id-droga minn għand Ciantar fil-vettura tiegħu o meno, huwa fatt li jrid jiġi determinat mill-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux minn din il-Qorti, u jekk allura l-appellant għandux jinsab ħati tar-reat li dwaru jinsab mixli f'dan il-Kap. Il-liġi ma tagħtix setgħa lil din il-Qorti illi tiddeċiedi jekk l-Avukat Ġenerali kellux raġun meta fil-parti narrattiva tas-Sitt Kap ta' l-Akkuża abbina dawk il-fatti li jemerġu mill-atti kkumpilati, kif minnu interpretati, mar-reat li bih huwa akkuża lill-appellant f'dan il-Kap.***

…/.....

*Dan il-kompitu ċertament ma jispettax lil din il-Qorti u lanqas lil Qorti Kriminali qabilha. Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dan it-tieni aggravju qed jiġi miċħud'*

Għaldaqstant, ġaladarba d-dettami tal-Artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali ġew osservati, l-ebda sfilz u/jew modifikazzjoni ma għandu jsir u għalhekk invista dak kollu ritenuto *supra,* dan l-aggravju qed ikun respint.

Permezz **tal-eċċezzjoni numerata bl-ittra 'B'** l-akkuzat qed jecepixxi n-nullita' tal-atti kumpilatorji u dan stante l-fatt illi wara li saret ri-assenjazzjoni, l-Qorti kienet naqset milli tikseb l-eżenzjoni tal-partijiet, milli terġa' tisma l-provi kollha mressqa sa dakinhar.

F'sentenza riċentissima fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Jonathan Cassar**,[5] din il-Qorti kif ippreseduta għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ismael Habesh et**[6] fejn ġie ritenut hekk f'dan ir-rigward:

> *'22. Illi kwantu għat-tielet eċċezzjoni, l-akkużat jilmenta li minkejja li kien hemm il-* ***bdil fil-Maġistrat li mexxa l-kompilazzjoni ma kienx hemm l-eżenzjoni la minn naħa tad-Difiża u l-anqas minn naħa tal-Prosekuzzjoni għall-ħtieġa o meno jekk riedux li jerġgħu jittellgħu jixhdu xhieda li jkunu ġja xehdu preċedentement. L-akkużat saħaq li dan jammonta għal irregolarita insanabbli fil-proċeduri in kwantu l-Avukat Ġenerali naqas milli jara li tali difett jiġi sanat matul il-kors tal-istruttorja, ħaġa li evidentement ma għamilx.***
>
> *23.* ***Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument****. Minn natura tiegħu dan il-każ huwa prosegwibbli biss quddiem din il-Qorti bil-proċedura tal-Ġuri.* ***Ir-rwol tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja f'dan il-każ huwa li tiġbor u taħżen il-provi li eventwalment għad iridu jiġu prodotti quddiem il-Ġuri. Huwa l-Ġuri li jrid jiddeċiedi dwar il-kwistjoni tal-fatt wara li jkun sema' lix-xiehda viva voce u ra' d-dokumenti u l-eżebiti prodotti u jkun għarbel l-istess. F'dan il-kuntest, ikun inutli, jekk mhux ukoll ħela ta' ħin prezzjuż jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tkun meħtieġa tadotta l-proċedura msemmija mill-akkużat fin-nota tiegħu –***

[5] Deciza nhar il-5 ta' Marzu, 2024.
[6] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar il-15 ta' Diċembru, 2020.

***meta dik il-Qorti ma tkunx adita li hi stess tiddeċiedi fuq il-meritu.***

***24.L-iskop prinċipali tal-proċedura invokata mill-akkużat huwa li f'dawk il-każijiet li jaqgħu fil-kompetenza estiża tal-Qorti tal-Maġistrati - u fejn allura dik il-Qorti tkun tista' jiġi vestita bis-setgħa li tiddeċiedi l-meritu tal-każ - il-Maġistrat sedenti jkun f'qagħda li, bħala regola, jerġa jisma' lix-xiehda li jkunu diġa nstemgħu mill- Maġistrat preċedenti u dan sabiex il-Maġistrat il-ġdid ikun f'qagħda li jagħmel evalwazzjoni tajba tax-xiehda tal-istess xhieda, inter alia skont il-kriterja msemmija fl-artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali. F'dak il-kuntest żviluppat il-prassi invokata mid-Difiża f'dan il-każ.***

*25.Din il-prassi, bażata fuq eżiġenzi ta' prattiċita u speditezza fid-determinazzjoni tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ġiet elaborata wkoll in vista ta' dak mistqarr fis-sentenza Il-* ***Pulizija vs. Joseph Bartolo*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Vincent De Gaetano nhar id-9 ta' Settembru 1999 fejn ġie deċiż is-segwenti:*

*3. Il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza kienet obbligata li tisma' "fil-qorti u viva voce" (Art. 646(1) tal-Kap. 9) ix-xhieda mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza. Dan isir sabiex il-gudikant -- f'dan il-kaz il-magistrat li jippronunzja s-sentenza -- jaghmel il-valutazzjoni tieghu tal-provi skond l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali, u, billi japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrisultawlu, jiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputat. Wiehed mill-kriterji l-aktar importanti sabiex il-gudikant jasal ghall-konkluzzjoni tieghu dwar x'jemmen jew x'ma jemminx minn dak li jghid xhud hu dak ta' "l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud" (Art. 637) minn fuq il-pedana tax-xhieda. Biex dan il-kriterju jkun jista' jigi applikat hu*

*evidenti li l-magistrat ghandu jisma' b'widhejh u jara b'ghajnej lix-xhud jiddeponi. Naturalment il-ligi tipprovdi wkoll ghal certi eccezzjonijiet fejn il-gudikant, anke fil-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza, jista' joqghod fuq deposizzjonijiet migjuba bil-miktub, bhal, per ezempju, fil-kaz ta' certifikati ta' tobba akkumpanjati minn affidavit (Art. 646(7)). Pero' rregola hi li l-gudikant tal-prim istanza ghandu jisma' hu ix-xhieda biex ikun verament f'posizzjoni li jaghti gudizzju skond il-ligi. Il-posizzjoni hi differenti meta l-Qorti tal-Magistrati ma tkunx qed tagixxi bhala qorti ta' prim istanza, jew meta tkun* ***qed tagixxi bhala Qorti Istruttorja biex tiddeciedi biss jekk hemmx kaz prima facie skond l-Artikolu 401(2) tal-Kap. 9****, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Rimandanti fi proceduri ta' estradizzjoni. Kwantu ghal din il-Qorti, cioe' ghall-Qorti ta' l-Appell Kriminali, il-posizzjoni dwar is-smigh ta' xhieda giet imfissra b'mod car fis-sentenza preliminari tat-23 ta' Lulju, 1999 fil-kawza flismijiet* ***Il-Pulizija v. Bartolomeo Micallef u Isabella Micallef,*** *ghal liema sentenza qed issir referenza a skans ta' ripetizzjoni*

***26. Din hija l-loġika wara dik il-proċedura imsemmija mill-akkużat fin-nota tiegħu li pero ma għandhiex titqies applikabbli għall-kuntest ta' dan il-każ fejn il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx sejra tieħu konjizzjoni tal-meritu tal-każ u tippronunzja s-sentenza.***

***27.Għaldaqstant it-tielet eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.'***

Illi fil-każ odjern l-Qorti tal-Maġistrati, kienet qedgħa taġixxi bħala Qorti Istruttorja u għalhekk stante li l-Maġistrat/i sedenti ma jkunux ser jagħtu sentenza fuq ill-mertu, ma għandhomx għalxiex jismgħu x-xhieda kollha huma biex ikunu verament f'pożizzjoni li jagħtu ġudizzju skond il-liġi. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni wkoll qegħda tiġi respinta fl-intier tagħha.

**<u>L-eċċezzjonijiet numerati taħt l-ittra C u li jġib it-titolu 'Inammissibilita' tal-Provi',</u>** fil-maġġorparti tagħhom, l-akkużat qiegħed jitlob l-isfilz ta'xi xhieda u dan għaliex hija kompletament u esklussivament *hearsey evidence*.

L-Artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-*hearsay evidence*, u rezi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-Artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> *598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.*
>
> *(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.*
>
> *(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.*
>
> *599. **<u>Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu</u>**; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.*

Fil-kawża deċiża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Janis Caruana</u>**,[7] il-kwistjoni tal-*hearsay evidence* kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

*21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:*

*'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'*

*22. Fil-fatt fil-kawza **<u>Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija</u>**[8] il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:*

*'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan ilħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konlużjoni tal-ewwel qorti (li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'*

*23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet talBniedem fil-*

[7] Deciza mill-Qorti t'Appell Kriminali nhar l-14 ta' Mejju, 2012
[8] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar, 1988.

*każ '**<u>Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom</u>**'[9] qalet hekk f'paragrafu 130:*

*'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'*

*24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni tal-artikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).*

*25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab filpreżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-Khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel irrapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret*

[9] App. 26766/05 and 22228/06 (QEDB, 15 ta' Diċembru 2011).

*serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.*

*26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat lartikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Irrapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi**,[10] il-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' inammissibilita` wara li kkunsidrat:

*"Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa **Subramaniam v. Public Prosecutor** fejn insibu dan il-kliem:*

*"'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

*"Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il-każ '**Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija'***

[10] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar l-24 t' Ottubru 2011.

*(13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.*

*"Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi eskluża fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari. "*

*F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: **Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja**[11]). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:*

***"'... Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għallapprezzament li tagħmel il-Qorti.' ('Il-Pulizija versus Fabio Schembri'[12] preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)."***

Illi sussegwentament fis-sentenza fl-istess ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi**[13] mbagħad din il-Qorti kienet ikkummentat hekk:

*" … Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, **li mhux kull relazzjoni ta' x'qal***

[11] Deciza mill- Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar 26 ta' Mejju 2005.
[12] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar l-1 t' April 2011.
[13] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2012.

*ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra."*[14]

*"Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża a priori iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-ċirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.*

*Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari*

[14] Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar it-30 ta' Lulju 2015

***<u>tad-dritt tal-appell tal-akkużat fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skont il-liġi."</u>***

Minn dan it-tagħlim ġurisprudenzjali jirriżulta illi sta għall-Imħallef togat waqt il-ġuri sabiex jara illi ma jsirx abbuż u billi jikkontrolla x-xhieda u jispjega lill-ġurati rigward ir-regoli tal-*hearsay evidence*. Magħdud dan allura din il-Qorti ma tistax taqbel ma 'l-eċċezzjoni sollevata mill-akkużat illi *a priori*, x-xhieda minnu ndikati huma inammissibbli. Illi fuq kollox għalkemm l-akkużat jilmenta illi x- xhieda minnu ndikati jikostitwixxu *hearsay evidence,* hu ma jindikax liema parti tax-xhieda huwa qiegħed isib oġġezzjoni għaliha u din il-Qorti ma tistax ċertament f'dan l-istadju teżamina l-atti bil-għan illi tagħmel apprezzament ta' dak li jingħad billi dan il-kompitu għadu jitħalla f'idejn il-ġurija popolari dejjem bis-salvagwardja illi kif ingħad jinagħtaw direzzjoni mill-Imħallef togat dwar l-ammissibbilita o meno ta' xi partijiet mix- xhieda.[15]

Illi fir-rigward tal-eċċezzjoni mmarkata bħala C6, l-akkużat qed jgħid illi x-xhieda ta' Marie Bajada u Lara Bonnici, lkoll social workers u impjegati mal-Agenzija Appoġġ, m'humiex 'esperti' in materja ta' psikoloġija u psikjatrija jew esperti maħtura f'inkjesta, u għalhekk ma jikwalifikawx biex jitħallew jagħtu l-opinjonijiet tagħhom. Madankollu, dan anke jekk hu l-każ, bl-ebda mod ma jfisser illi x-xhieda tagħhom hija inammissibli iżda għandha titqies bħala xhieda mogħtija minn xhud ordinarju u dak kollu li setgħu jikkonstataw huma fattwalment, jista' jinġieb u jintuża bħala prova.

In oltre, fir-rigward tal-eċċezzjoni mmarkata bħala C10, fejn l-akkużat jgħid li kwalunkwe riferiment li tista' tkun ta' preġudizzju għal smiegħ xieraq għandu jitħalla barra, din il-Qorti ssostni illi din mhux eċċezzjoni li hija tista' tiddeċiedi fuqha stante li hija waħda vaga u ġenerali għall-aħħar. Di piu', din hija Qorti Kriminali u mhux qorti b'setgħat kostituzzjonali. Għaldaqstant l-eccezzjoni mmarkata bl-ittra C qedgha tiġi respinta *in toto*.

[15] Ara wkoll **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Lebrun</u>** deciza mill-Qorti Kriminali nhar il-31 ta' Jannar, 2018.

**L-eċċezzjoni mmarkata bl-ittra 'D' u li ġġib l-isem il-*hearsay evidence* u *documentary hearsay evidence***, kif jindika mit-titolu stess titratta dwar il-*hearsay evidence*. Għalhekk a skans ta' ħafna repetizzjoni, għall-istess raġunijiet mogħtija għall-eċċezzjoni mmarkata bl-ittra C *supra*, din il-Qorti qedgħa wkoll tiċħad din l-eċċezzjoni fit-totalita' tagħha.

Illi permezz **tal-eċċezzjoni mmarkata bl-ittra E**, l-akkużat qed jilmenta dwar il-fatt li ma saritx inkjesta maġisterjali f'dawn il-proċeduri. Jgħid illi f'dan il-każ sustanza ma teżistix għax primarjament il-prosekuzzjoni naqqset milli tippriserva l-provi. L-akkużat isostni illi għalhekk il-kapi t'akkuża fil-konfront tal-akkużat ma jistgħux jissustixxu u huma nulli kif ukoll l-atti kumpilatorji huma wkoll difettużi u monki mill-bidu.

Din il-Qorti ma taqbilx, u dan stante l-fatt illi l-ġuri għad irid jiġi ċċelebrat, u abbażi tal-provi prodotti fl-istess ġuri jiġi deċiż mill-ġurija popolari jekk il-prosekuzzjoni jkunx irnexxilha tipprova l-każ tagħha 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan isir wara l-Imħallef togat jindirizza lill-ġurati dwar il-punti tal-liġi li jridu jżommu f'moħħom meta jiġu biex jiddeċiedu. Sussegwentament, il-ġurati, bħala mħallfin tal-fatt, jiddeċiedu permezz ta' verdett finali. Għaldaqstant, mhux kompitu ta' din il-Qorti speċjalment f'dan l-istadju li tiddeċiedi jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhomx jippruvaw il-każ tagħhom, minkejja in-nuqqas t'inkjesta maġisterjali. Li hu żgur pero' li l-Kapi tal-Akkuża mhux nulli u l-anqas l-atti tal-kumpilazzjoni m'huma monki għaliex ma saritx inkjesta maġisterjali. Għalhekk din il-Qorti qegħda tiċħad ukoll l-eċċezzjoni mmarkata bl-ittra 'E' tal-akkużat Azzopardi.

**L-eċċezzjoni mmarkata bl-ittra 'F' iġġib it-titolu 'L-aħjar prova'**. Din il-Qorti sejra tgħid minnufih, kif diġa' tenniet fl-eċċezzjoni preċedenti, illi hija sta għall-ġurija wara li jisimgħu x-xhieda u sussegwentament jiġu ndirizzati mill-Imħallef togat li għandhom jiddeċiedu jekk il-prosekuzzjoni jkunx irnexxilha tressaq l-aħjar prova.

Illi fir-rigward tal-partner koabitanti tal-akkużat u cioe' Rachel Maria Schooling, a fol. 83 tal-proċess, jista' jiġi nnutat illi din ġiet iddikjarata bħala xhud inammissibbli. L-Artikolu 635 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi hekk:

> *635. (1) B'dak kollu li jingħad fl-artikolu 633, **il-miżżewġin, sħab f'unjoni ċivili u koabitanti ma jistgħux jinġiebu xhieda favur jew kontra xulxin, <u>ħlief</u> meta** –*
>
> *(a) ir-reat ikun sar kontra x-xhud jew kontra l-axxendenti jew id-dixxendenti tiegħu;*
> *(b) fil-każ ta' reati kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni, meta r-raġel jew il-mara jew is-sieħeb f'unjoni ċivili, jew il-koabitant tal-parti imputata jew akkużata tkun persuna li fuqha jew dwarha jkun sar ir-reat jew tkun persuna li fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni tagħha l-imputat jew akkużat ikun għex;*
>
> ***(ċ) b'talba tal-imputat jew akkużat għax-xiehda tal-konjuġi jew tas-sieħeb f'unjoni ċivili, jew tal-koabitant l-imputat jew akkużat stess, meta dan jista' jixhed taħt ġurament skont l-aħħar artikolu qabel dan.***

Skont l-Artikolu 635(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali, ix-xhud Rachel Maria Schooling, bħala partner koabitanti tal-akkużat, tiġi ammissibli biss jekk dan tal-aħħar jiddeċiedi li jixhed bil-ġurament waqt il-ġuri. Madankollu, it-talba tal-akkużat f'din l-eċċezzjoni jidher li hi li l-kapi tal-akkuża fil-konfront tal-akkużat ma jistgħux jissustixxu u l-atti kumpilatorji huma neqsin u nulli għaliex l-prosekuzzjoni ma rnexxilix iġġib l-aħjar prova. Għaldaqstant, għar-raġunijiet ġa mgħotija *supra*, din l-eċċezzjoni qegħda tiġi respinta fit-totalita' tagħha.

**<u>L-eċċezzjoni mmarkata bl-ittra 'G' titratta dwar 'il-karattru tal-persuna'</u>**. Illi jidher illi f'dawn il-proċeduri kienu ġew esebiti xi vera kopja ta' sentenzi li kienu ġew mgħotija fil-konfront tal-akkużat. Dawn kienu ġew ippreżentati mill-uffiċjal

prosekutur u peress li ma kienux ġew ikkonfermati mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, l-akkużat qed isostni li għandhom jiġu sfilzati.

L-Avukat Ġenerali meta għamlet is-sottomisjonijiet tagħha f'dan ir-rigward ikkonfermat illi fl-Att t' Akkuża ma hemmx referenza għar-reċediva u ddikjarat illi s-sentenzi mhux ser jiġu murija lil ġurati.

Illi in oltre, jekk dokument ma jiġix ikkonfermat minn xi individwu jew awtorita' ma jfissirx li dan l-istess dokument huwa inammissibbli u għalhekk għandu jiġi sfilzat. Dan qed jingħad għaliex filwaqt li dan jista' jinpinġi fuq il-valur probatorju tad-dokument, min-naħa l-oħra ma jaffetwax l-ammissibilta' tiegħu. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni wkoll qed tiġi miċħuda fl-intier tagħha.

Illi sfortunatament, il-mod ta' kif ġiet miktuba din in-nota t'eċċezzjonijiet mhux daqstant ċara. Għalkemm taħt l-ittra 'H' bit-titolu 'Sommarju' l-akkużat jidher li qed jirrepeti dak kollu li diġa' kien ġie mitlub fl-eċċezzjonijiet preċedenti, għal kull bon fini, din il-Qorti qedgħa tiċħad ukoll l-eċċezzjoni mmarkata bl-ittra 'H' fit-totalita' tagħha.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qedgħa tiċħad l-eċċezzjonijiet A1, A3, A4, B, C, D, E, F, G u H fit-totalita' tagħhom.

Tiddifferixxi l-kawża *sine die*, sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali li jistgħu iressqu l-partijiet skont il-liġi.

**(ft) Consuelo Scerri Herrera** | **Maria Grech**

**Imħallef** | **Deputat Registratur**

**VERA KOPJA**